**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Dicembru, 2019

Rikors Nru: 81/18 AL

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attur, li permezz tieghu ppremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Awwissu 2010 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. A);
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla jisimha E, li twieldet fit-18 ta' Novembru 2008 u ghalhekk ghadha minuri;
3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt tas-16 ta' Gunju 2012 atti Nutar Reuben Debono;
4. Illi z-zwieg tal-partijiet huwa wkoll mahlul u dan permezz ta' digriet ta' dina l-Qorti tal-15 ta' Otturbu, 2015;

5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi, kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif se jigi ppruvat waqt t-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
6. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg inifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
7. Illi l-esponenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat nhar it-8 ta' Awissu, 2010 huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skont l-Artikoli 19(1)(d), (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn ir-rikorrent u l-intimata, li ġie ikkuntrattat fit-8 ta' Awissu 2010[1], jiġi dikjarat null u bla effett fil-liġi ai termini tal-Artikolu 19(1) (d) u jew (f) tal-att Dwar iż-Żwieġ[2].

[1] Certifikat tal-Att taz-Zwieg relattiv esebit fol4.
[2] Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jirriżulta li l-konvenuta għalkemm debitament notifika baqgħet ma ppreżentatx risposta, kif jirriżulta minn verbali datat 21 ta' Gunju 2018. Għalhekk, il-konvenuta hija kontumaċi skont il-Liġi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Semgħet ix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum.

Ikkunsidrat:

Provi:

Ir-rikorrent xehed bil-proċedura tal-affidavit u qal li hu u l-konvenuta iżżewġu fit-8 ta' Awissu 2010 fil-Katidral tal-Mdina, u kienu bdew ir-relazzjoni tagħhom tlett snin qabel. Spjega li sena wara bdew joħorġu flimkien, C kienet ħarġet tqila u eventwalment twieldet it-tifla tagħhom E nhar it-18 ta' Novembru 2008, u kienu jgħixu taħt l-istess saqaf. Żied igħid li meta twieldet it-tifla beda d-diskors taż-żwieġ u iżżewġu madwar sentejn wara li twieldet it-tifla, iżda kienu għadhom żgħar ħafna u ma kinux lesti għaż-żwieġ. Xehed li minn qabel iż-żwieġ ir-relazzjoni ta' bejniethom ma kinitx tajba, kienu jiġġieldu għal kull haġa ta' xejn, u wara ż-żwieġ ir-relazzjoni tagħhom marret għall-għar, tant li kienu joħorġu separati minn xulxin, hu kellu ħajtu u hi ħajjitha. Xehed li damu igħixu ta' miżżewġin sena u tlett xhur, iżda mbagħad iddeċidew li jtemmu r-relazzjoni tagħhom u C marret lura għand ommha bit-tifla. Spjega li kienu kondizzjonijiet u ċirkostanzi ohra li ġeghluhom jiżżewġu, kienu immaturi u ma kinux ippreparati għaż-żwieġ. Xehed ukoll li llum huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, divorzjati

permezz ta' sentenza tal-Qorti, u kemm hu u kemm C ghandhom relazzjoni ohra.

Għalkemm kontumaċi, ġie ppreżentat affidavit ta' C D, il-konvenuta, li xehdet li wara t-twelid ta' binthom, bdew jaħsbu biex jiżżewġu meta ma kinux lesti għaż-żwieġ peress li kienu għadhom żgħar hafna u ma kellhomx maturita, u l-argumenti bejniethom kibru sakemm bdew igħixu b'mod separat, u fl-aħħar tas-sena 2011 kienu waqfu igħixu flimkien, fejn kienu qablu li ma setgħux jibqgħu flimkien, ottjenew separazzjoni personali u wkoll divorzju b'sentenza tal-Qorti.

<u>PRINĊIPJI LEGALI</u>

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u ċjoe l-Artikolu 19(1) (d) u 19(1) (f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ.

"19(1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:

(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt ghall-att taż-żwieġ;"

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, (l-artikolu 19(1) (d) tal-Att dwar iż-Żwieg) il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta'

immaturita` li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jkunu deħlin bih il-partijiet, u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser li l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħhu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre`, l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita` affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mil-liġi.

Kif jispjega l-awtur **Bersini** "e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emmettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sareberro in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia ammetta prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravenmente alteratt o addirittura mancante, si dovra ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio".[3]

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li: "Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party

[3] Bersini Francesco, Il Diritto canonico matrimoniale, (Torino, 1994) p.97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs Sharon Galea nee Gibson mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu 2003 (Citazzjoni Numru 484/1995/2 (RCP)).

lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring."[4]

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghall-artikolu 19(1)(f) tal-Att dwar iż-Żwieġ u tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita` taż-żwieġ f'dan il-kuntest, irid jiġi neċessarjament ippruvat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn għamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu jew tagħha.

Illi kif gie spjegat minn din il-Qorti fil-kaz Alfred Tonna vs Maria Tonna,[5] "ikun hemm simulazzjoni meta fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti jew oħra(jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda internament u b'att pożittiv tal-volonta` tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew dejjem b'dak l-att pożittiv tal-volonta`, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta` essenzjali ghaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)."

Illi meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew wieħed mill-elementi essenzjali tiegħu, wieħed irid jifli jekk il-kontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-

---

[4] Viladrich Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon law Annotated (Montreal 1993) p.686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Lydia Musu` vs Dr. Ian Spiteri Bailey et noe mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta' Ottubru 2002, (Cit. nru. 390/1999/1) (RGM).

[5] Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (VDG) – 31 ta' Jannar 1996

ommissjoni tiegħu, eskluda a priori ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, ċjoe`, issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda a priori ż-żwieġ, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe` saret simulazzjoni parzjali."[6]

<u>APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODEJERN.</u>

Illi stabbiliti l-aspetti legali suċitati dwar l-aspett tad-difett serju fid-diskrezzjoni tal-ġudizzju u tas-simulazzjoni tal-kunsens, din il-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

Illi dwar il-kawżali tan-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju u s-simulazzjoni tal-kunsens, hemm differenza fina bejn waħda u l-oħra li mhux dejjem tkun faċli li tistabilixxi. Filwaqt illi tal-ewwel tfisser li wieħed mill-konjugi, jew ossija t-tnejn, ma fehemx x-inhuwa mistenni minnu fir-rigward ta' obbligi matrimonjali, fit-tieni, l-konjuġi, jew wieħed minnhom, minkejja li konxji tal-obbligi rispettivi tagħhom fiż-żwieġ, jagħżlu li jeliminaw xi wieħed mill-obbligi, jew l-obbligi kollha.

Fil-każ in eżami jirriżulta li l-intimata C D hija kontumaċi u għandu jingħad li l-kontumaċja hija fiha innifisha mhijiex ammissjoni iżda għandha tiġi interpretata bħala oppożizzjoni hekk kif ritenut fil-ġurisprudenza.

"Hu paċifiku li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni." (Charles Saliba vs Salvu Borg – deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 1997, u skont dejjem kif ġie referut minn dawn il-Qrati, l-kontumaċja għandha tiġi interpretata wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti

[6] Sharon Lanzon vs Francis Attard – Prim Awla tal-Qorti Ċivili – 15 ta' Marzu 2000.

għalhekk tidħol f'ċerti dettalji li tħoss illi huma meħtieġa biex tistabilixxi l-verita tal-fatti."[7]

Għalhekk, jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova t-talbiet tiegħu huma ġustifikati fil-fatt u fid-dritt. Fil-każ odjern, bla dubju, l-Qorti tikkonsidra li l-partijiet kienu ftehmu li kellhom jiżżewġu bl-għaġġla, sempliċement minħabba l-fatt li kellhom tarbija.

Il-partijiet it-tnejn stqarru, li huma ftit li xejn taw ħsieb lill-kunċett u t-tifsira taż-żwieġ meta ddeċidew li jiżżewġu, anke għaliex huma kienu għadhom żgħar u immaturi. Fil-fatt, huma żżewġu fit-8 ta' Awissu 2010, sena u disa' xhur wara t-twelid tat-tarbija E li kienet twieldet fit-18 ta' Novembru 2008. Huwa evidenti wkoll mix-xiehda, li wara ż-żwieġ, huma baqgħu igħixu ħajja ta' xebba u ġuvni, billi baqgħu joħorġu weħedhom separatament, u kienu igħixu għal rashom għalkemm miżżewġin, bi ġlied ukoll bejniethom li ma kienx jonqos. Għalhekk, iż-żwieġ tagħhom kien nieqes minn motivazzjoni ġenwina li joħolqu ħajja komuni flimkien, bid-drittijiet u d-dmirijiet li tali għażla neċessarjament iġġib magħha. Illi meta iddeċidew li jiżżewġu dan għamluh għaliex C kienet tqila u twieldet tarbija, huma ma tawx konsiderazzjoni tal-obbligi u r-responsabbiltajiet reċiproci emanenti miż-żwieġ ta' bejniethom. Il-partijiet ma kellhomx il-konoxxenza meħtieġa ta' dak kollu li kienu deħlin għalih u lanqas ma kellhom l-impenn meħtieġ għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Għaldaqstant, fil-ħajja miżżewġa, ma kinux kapaċi jerfgħu l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa.

Għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrent ipprova, sal-grad li tirrikjedi l-liġi, illi l-kunsens taż-żewġ partijiet kien ivvizzjat b'difett serju tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, u konsegwentement dan wassal għan-nullita taż-żwieġ ta' bejniethom.

---

[7] Ruth Apap vs Noel Apap deciza mill-Prim' Awla fit-30 ta' Gunju 1995, u Emanuel Spiteri et vs Bernadette Meilak noe, Prim' Awla deciza fil-15 ta' Jannar 2014; Raymond Gauci pro et noe vs Christopher Galea, Prim' Awla deciza fis-26 ta' April 2001; Ronald Miclalef et vs Subway malta Limited, Prim' Awla deciza fis-6 ta' Marzu 2001.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tar-rikorrent hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu (d) tal-artikolu preċitat, u timmerita li tiġi milqugħa.

**DEĊIDE**

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tar-rikorrent b'dan illi:

Tiddikjara li ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fit-8 ta' Awissu 2010 huwa null u invalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi ai termini tal-Artikolu 19(1) (d) tal-Att Dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement, tordna li din id-deċiżjoni tiġi rreġistrata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-att taż-Żwieġ relattiv għaż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjeż kontra l-partijiet.

Dr. Abigail Lofaro — Imħallef

Rita Vella Baldacchino — Deputat Reġistratur